**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Novembru, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Daniele Aquilina detentur tal-karta ta' l-Identità 568393M**

***Kumpilazzjoni Nru. 505/2020***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Daniele Aquilina** u ċioe` talli:[1]

1. Nhar it-30 ta' Settembru 2020, għal ħabta ta' 23:30 hrs ta' filgħaxija ġewwa Triq l-Abate Rigord, Ta' Xbiex ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Steve John Barker anzjan ta' 62 sena u Catherine Barker anzjana ta' 64 sena, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' l-istess Steve John Barker u Catherine Barker u/jew ta' xi persuna/i oħra *skond Artikoli 257D(1)(c), 257E, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(c), 275, 276A, 277(a) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Steve John Barker u Catherine Barker kontra l-volontà tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi

[1] Fol.2-6

trasferiment ta ħwejjiġhom *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Catherine Barker liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Maurizio N. Gambin detentriċi ta' numru tar-reġistru mediku 6258 tal-berġa tas-saħħa, Qormi *skond l-Artikolu 221(1) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*

4. Nakkużawh talli nhar l-1 t'Ottubru 2020, għal ħabta ta' bejn il- 03:00hrs u 03:30 hrs ta' filgħodu ġewwa Triq it-Torri, Sliema ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Mark Bariczki, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' l-istess Mark Bariczki u/jew ta' xi persuna/i oħra *skond Artikoli, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(c), 275, 277(a); tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Mark Bariczki kontra l-volontà' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejġu *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija *skond l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

7. U aktar talli nhar it-2 t'Ottubru 2020, għal ħabta ta' bejn il- 22:00hrs u 22:30 hrs ġewwa l-Parkeġġ tal-lukanda Vivaldi, sitwat ġewwa Triq Dragonara, San Ġiljan u ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Stefan Cachia u Danica Mifsud, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' l-istess Stefan Cachia u Danica Mifsud u/jew ta' xi persuna/i oħra *skond, 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 275, 277(a); tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Stefan Cachia u Danica Mifsud kontra l-volontà' tagħhom u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejjiġhom *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

9. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta

jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija *skond l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

10. U aktar talli bejn l-23:45 hrs ta' 2 t'Ottubru 2020 u l-00:15 hrs ta' 3 t'Ottubru 2020, ġewwa Triq Spinola, San Ġiljan u fl-inħawi tal-madwar bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin minn fuq il-persuna ta' Christian Abdilla, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volontà tiegħu *skond, Artikoli 41(1)(a), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 275, 277(a); tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Christian Abdilla kontra l-volontà' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejġu *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

12. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija *skond l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Christian Abdilla liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikata minn Dr. Rachel De Pasquale detentriċi ta' numru tar-reġistru mediku 6208 tal-berġa tas-saħħa, Mosta *skond l-Artikolu 221(1) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

14. U aktar talli nhar it-3 t'Ottubru 2020, għal ħabta ta' bejn il- 00:15 hrs u 00:30 hrs ġewwa l-Parkeġġ tal-lukanda Vivaldi, sitwat ġewwa Triq Dragonara, San Ġiljan ikkommetta serq ta' flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Ruben Roberts, liema serq hu ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' l-istess Ruben Roberts u/jew ta' xi persuna/i oħra *skond 261(a)(f), 262(1)(a)(b)(2), 270, 275, 277(a); tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta*

15. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ruben Roberts kontra l-volontà' tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikunu mġiegħel jaċċetta li jagħmlu xi trasferiment ta ħwejġu *skond Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*
16. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta

jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija *skond l-Artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta*

17. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D fid-digriet tagħha tal-22 ta' Ġunju 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest *skond l-Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

18. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Rachel Montebello LLD fid-digriet tagħha tal-28 ta' Settembru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest *skond l-Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

19. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

    Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

    Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, u cioe` wara li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta' jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni w mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

Ittieħed konsiderazzjoni li fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru għaxra (10) w tlettax (13), japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta-reati. Is-sitt (6) imputazzjoni serviet bħala mezz ai fini għall-imputazzjoni numru erba' (4), id-disa' (9) imputazzjoni serviet bħala mezzi ai fini għall-imputazzjoni numru seba' (7), it-tnax (12) l-imputazzjoni serviet bħala mezzi ai fini għall-imputazzjoni numru għaxra (10), filwaqt li l-imputazzjoni numru sittax (16) serviet bħala mezzi ai fini għall-imputazzjoni numru erbatax (14).

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset ir-reati serjissimi w numerużi li tagħhom qed tinstab ħtija, tal-fedina penali voluminuża w imżewwqa tal-imputat, tal-istadju ferm tardiv li fih ġiet reġistrata din l-ammissjoni, propju fil-jum li kellha ssir it-trattazzjoni finali, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ mhux anqas tal-effett li għemilu ħallew fuq il-vittmi tiegħu li kienu xejn anqas minn seba' (7), tnejn minnhom anzjani w għalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 276A tal-Kodiċi Kriminali.

Ġie kunsidrat ukoll li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, fejn għalkemm ingħata bosta opportunitajiet fil-passat u fejn minkejja li esperjenza l-inkarċerazzjoni baqa' jiġi jaqa w iqum mis-soċjetà w mill-membri tagħha. In-nies Aquilina jarahom biss bħala priża, oġġetti li jista' jaħkimhom biex jagħmel gwadann a spejjez tagħhom anke a spejjez tal-inkoluminita` tagħhom. Il-Qorti ma setgħetx ma tosservax illi minkejja l-ammissjoni tiegħu, l-imputat lanqas wera mqar l-iċken rimors għall-għemilu jew ipprova jiskuża ruħu.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(f)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(ċ)(e), 217, 221(1)(2), 257D(1)(ċ), 257E(2), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(ċ), 275, 276, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta w tal-artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah piena għal **disa' (9) snin u tmien (8) xhur priġunerija** kif ukoll għal ħlas ta' multa ta' **€232.94c**.
Ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali qed tordna li jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta s-segwenti ammonti:

(i) l-ammont ta' tnax il-elf Ewro (€12,000) garanzija biex iżomm mal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest skond digriet tal-Maġistrat Dr. Nadine Lia mogħti nhar it-22 ta' Ġunju, 2020,[2] u

(ii) l-ammont ta' erbat elef u mitejn Ewro (€4,200) garanzija biex iżżomm mal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest skond digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello nhar it-28 ta' Settembru, 2020.[3]

Peress li ma saritx talba mill-prosekuzzjoni sabiex jiġi revokat l-arrest tal-imputat minħabba l-ksur tal-imsemmija digrieti, din il-Qorti hi prekluża milli tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€440.54c** rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin kontra l-imputat għaf-favur ta' Steve John Barker, Catherine Barker, Mark Bariczki, Stefan Cachia, Danica Mifsud, Christian Abdilla u Ruben Roberts.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

**Notifika: Reġistratur Qrati w Tribunali Kriminali**

[2] Fol.281
[3] Fol.340

**(Onor. Maġistrat Dr. N. Lia)**
**(Onor. Maġistrat Dr. R. Montebello)**